# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 43

Data tal-laqgħa: 28 ta' April, 2026

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar It-Tlieta, 28 ta' April 2026, fil-5.30p.m..*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci (SKUŻATA)<br>Marilena Galea ( il-Kunsill ma rċieva l-ebda komunikazzjoni) |
| Segretarju Eżekuttiv | Shirley Falzon |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm billi ntqalet it-talba.

**43/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**43/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, biex tiskuża ruħha li ma setgħetx tkun preżenti għal din il-laqgħa.

**43/01/02** Is-Sindku infurmat ukoll li l-Kunsill ma rċieva l-ebda komunikazzjoni mingħand is-Sa Marilena Galea.

**43/02** **Approvazzjoni tal-minuti preċedenti**

**43/02/01** Il-minuti tal-laqgħa preċedenti 41 li nżammet fi 17 ta' Marzu 2026 u u l-minuti tas-seduta b'urġenza numru 42 li nżammet fi 11 ta' April 2026 kienu meħuda bħala moqrija.

**43/02/02** Il-Minuti kienu approvati fuq proposta tal-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, sekondat mill-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech.

**43/02/03** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat lill-Kunsill li dan il-Kunsill irċieva stedina mingħand Focus Europe sabiex rappreżentanza tattendi żjara uffiċjali fil-Muniċipalità ta' Tratalias, Sardinja, relatata mal-533 Pilgrimage of Santa Maria di Monserrato. Hija spjegat li l-ispejjeż kollha ser ikunu koperti mill-muniċipalità ospitanti. Is-Sindku żiedet tgħid li kemm hi kif ukoll il-Viċi Sindku ma setgħux jattendu din iż-żjara, u għalhekk ser tattendi s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Shirley Falzon. Ġie nnotat li ntbagħtet l-aċċettazzjoni tal-istedina lis-Sindku Inġ. Emanuele Pes u li ż-żjara ser issir għal tliet ijiem bejn is-17 u l-20 ta' Mejju 2026.

**43/02/04** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, irreferiet għall-każ relatat mal-avveniment tal-boxing bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur u s-Sa Helen Gauci. Hija spjegat li saru diversi tentattivi min-naħa tal-avukat tal-Kunsill ma' Dr. Joe Giglio, li huwa r-rappreżentant tal-Kunsilliera s-Sa Helen Gauci, sabiex isir ħlas lura wara li r-responsabbiltà kienet ittieħdet pubblikament, iżda s'issa ma ntlaħaq l-ebda qbil fuq il-klawżoli li kienu ġew proposti fil-passat mill-avukat Dr. Giglio. Ġie nnutat li, fil-passat, kien ġie propost li tintbagħat ittra ġudizzjarja, iżda l-avukat tal-Kunsill ta parir li jerġa' jsir tentattiv sabiex jintlaħaq ftehim.

**43/02/05** Huwa ppropona li jsir agreement għal ħlas lura, fejn il-ħlas jiġi strutturat b'tali mod li sal-aħħar ta' din il-leġiżlatura jkun tħallas kollu, inkluż mal-kredituri, fuq perjodu ta' sentejn. Ġie spjegat ukoll li l-kuntratt għandu jibda mill-1 ta' Ġunju 2026, jekk jintlaħaq qbil, u jibqa' għaddej sa tmiem il-leġiżlatura.

**43/02/06** Barra minn hekk, l-avukat ippropona li jingħata perjodu ta' 10 ijiem mid-29 ta' April 2026 sabiex jintlaħaq qbil, u fin-nuqqas tittieħed azzjoni permezz ta' ittra ġudizzjarja. Dan il-proposta ġiet approvata unanimament mill-membri preżenti.

**43/02/07** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, irreferiet għall-każ relatat ma' CAMC Security fejn qalet li ma kien hemm l-ebda purchase order jew service order maħruġ mill-Kunsill għal dan is-servizz. Is-Sindku enfasizzat li, skont il-provi u l-komunikazzjonijiet disponibbli, il-Kunsill ma jistax jilleġalizza servizzi li ma sarux skont il-liġi. Ġiet ippreżentata ittra legali biex tintbagħat lir-rappreżentant tal-kredituri li qed jitolbu ħlas għal servizzi. Il-membri tal-Kunsill ikkonfermaw li ma jiftakrux li dawn il-kwistjonijiet qatt ġew approvati mill-Kunsill u ma nstabux minuti relatati. Ġie maqbul unanimament li l-Kunsill jimxi skont il-parir legali u tintbagħat risposta formali.

**43/02/08** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, irreferiet għall-appell relatat ma' żvilupp f'art ODZ fiż-żona ta' Kromb il-Baħar. Hija spjegat li kien hemm komunikazzjoni dwar permessi f'art ODZ u infurmat li l-Kunsill issottometta l-oġġezzjonijiet tiegħu. Ġie nnutat ukoll li, fejn hemm il-permess ta' Fidiel Żarb, il-Kunsill ser ikun qed jieħu parir legali u tekniku minn avukati u periti sabiex jara kif jista' jipproteġi l-art ODZ tal-lokalità. Is-Sindku enfasizzat li l-ħidma tal-Kunsill dejjem kienet li tipproteġi art ODZ. Il-Kunsillier Christopher Fenech żied li hija proċedura tal-Kunsill li meta jinħareġ permess fuq art ODZ, il-Kunsill dejjem jagħmel l-oġġezzjoni tiegħu.

**43/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**43/03/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, ġibdet l-attenzjoni li l-laqgħa tal-lokalità, li kienet ippjanata li ssir f'April, ma setgħetx issir minħabba dewmien u għaldaqstant ġiet posposta. Hija żiedet li din ser issir matul ix-xahar ta' Mejju, bid-data tiġi deċiża lejn tmiem il-laqgħa.

**43/03/02** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, irreferiet għall-korrispondenza mar-Reġjun Tramuntana dwar kontijiet pendenti u talba għal prova tas-servizz mogħti lill-Kunsill. Hija spjegat li ġew ippreżentati provi li x-xogħol sar, inkluż komunikazzjoni permezz ta' WhatsApp u emails, relatati ma' perjodu meta kien hemm ħaddiem misluf. Ġie nnutat li, minkejja li fil-passat kien hemm diversi tentattivi li ma ġewx imwieġba min-naħa tal-Kunsill, issa qed issir ħidma sabiex dawn jiġu indirizzati, peress li ma jkunx xieraq li l-kredituri jibqgħu jiġu injorati. Il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, staqsiet dwar l-ammonti u gew ppreżentati lilha u lill-Kunsillier Christopher Fenech. Il-Kunsill qabel li, peress li s-servizz ingħata u ġew ippreżentati provi, dawn il-kontijiet għandhom jiġu kkunsidrati għall-ħlas u kien hemm qbil li jitħallsu.

**43/03/03** Ġiet diskussa talba dwar remote working għall-impjegati tal-Kunsill. Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, spjegat li filwaqt li tista' tittieħed f'kunsiderazzjoni din il-possibbiltà, il-pożizzjoni tal-front

desk ma tistax issir remot peress li trid tibqa' dejjem koperta. Il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, qalet li tali arranġamenti għandhom ikunu fid-diskrezzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Christopher Fenech żied li l-ġestjoni tal-istaff taqa' taħt ir-responsabbiltà tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kien hemm każ fejn ingħata remote working u dan ħadem tajjeb, b'impjegati jibqgħu reattivi. Is-Sindku enfasizzat li l-front desk ma jistax jitħalla mhux kopert u għalhekk għandu jkun hemm sostituzzjoni adegwata, u li l-impjegati tal-front desk għandhom ikunu lesti wkoll li jwettqu xogħol ta' back office fejn meħtieġ. Ġie nnutat ukoll li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni mal-impjegati tal-front desk. Il-Kunsill qabel li remote working jista' jingħata fejn possibbli, bil-kundizzjoni li s-servizz tal-front desk jibqa' dejjem kopert u li l-impjegati kkonċernati jingħataw xogħol li jista' jsir mid-dar. Barra minn hekk, Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ntgħażel impjegat part-time li jista' jaħdem biss tlett ijiem fil-ġimgħa u xi Sibtijiet, u għaldaqstant ġie deċiż li lil dan l-impjegat ma jingħatax remote working.

**43/03/04** Tqassam poster lit-tfal tal-iskola dwar kompetizzjoni ta' craft jew pittura. Fl-aħħar tal-laqgħa ntgħażlu r-rebbieħa, li ser jiġu kkuntattjati, u l-premjijiet jitqassmu nhar it-tberik tal-annimali, filwaqt li t-tfal kollha li ħadu sehem ingħataw rigal għall-pets tagħhom.

**43/03/05** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, irreferiet għall-appraisal report tal-impjegati mqiegħda mal-Kunsill matul ir-raba' kwart tal-2025 (Ottubru sa Diċembru) taħt il-Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF). Hija nnutat li r-rapport ġie ppreżentat u li l-impjegat ingħata marka ta' 9, filwaqt li x-xogħol tiegħu sar b'mod sodisfaċenti u qatt ma nqalgħu problemi. Il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, u l-Kunsillier is-Sur Christopher Fenech qablu ma' dan, u r-rapport ġie approvat.

**43/03/06** Ġiet ippreżentata email dwar il-European Week of Regions and Cities li se ssir fi Brussell bejn it-12 u l-14 ta' Ottubru, fejn ġie spjegat li se tkun qed tiġi estiża stedina lil erba' (4) Sindki jew rappreżentanti tal-Kunsill sabiex jattendu l-laqgħa reġjonali f'isimhom, kif ukoll lil żewġ (2) Segretarji Eżekuttivi mir-reġjun; ġie nnutat ukoll li d-data tal-għeluq biex jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet hija s-7 ta' Mejju permezz tal-formola indikata fl-email. Is-Sa Meri qalet li ma tistax tikkommetti ruħha u ċediet postha, filwaqt li s-Sur Christopher Fenech informa li ma jistax jattendi; għaldaqstant, wara diskussjoni, ġie deċiż li jattendu s-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi Sindku, is-Sa Frangeska Attard.

**43/03/07** Is-Sindku, is-Sa Meli, spjegat li wara l-laqgħa tal-Financial Committee ġie riċevut agreement mingħand il-kreditur B. Grima li ma aċċettax ħlas fuq perjodu ta' sentejn iżda fuq sena biss, li huwa l-perjodu massimu li jista' jiġi offrut; ġie spjegat ukoll li sar kuntatt mal-accountants u li dawn se jkunu qed jiċċekkjaw l-ammonti u kemm jiġu l-pagamenti, peress li l-Kunsill ma jistax jiffinalizza f'dan l-istadju iżda jista' jlaħħaq jekk l-ammonti jkunu maniġġabbli u jitħallsu b'għaqal. Ġie nnutat li dan il-punt ma jistax jingħalaq illum u li l-kredituri l-oħra se jibdew jitħallsu wara li aċċettaw agreements sa sentejn, filwaqt li B. Grima huwa l-akbar kreditur relatat ma' road furnishings b'ammont li jaqbeż l-€20,000 minn sena 2023. Is-Sindku żiedet li x-xogħlijiet li qed isiru bħalissa qed jitħallsu minnufih u li kull invoice li tidħol għandha titħallas sabiex il-Kunsill jibqa' up to date, u għaldaqstant il-kredituri m'għandhomx jibagħtu invoices b'lura peress li dan joħloq diffikultajiet fil-ħlas immedjat. Ġie deċiż li jittieħed parir mill-accountants u l-Kunsill jimxi skont il-parir professjonali tagħhom f'dan ir-rigward.

**43/03/08** Ġie nnutat li hemm żewġ invoices relatati ma' Victor Bonavia, jiġifieri invoice numru 40 u invoice numru 368, fejn l-aħħar waħda ntbagħtet lir-Reġjun tal-Lvant fir-rigward tal-attività

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR
Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

"Milied Maġiku". Ġie spjegat li dawn l-invoices ġew sottomessi b'lura, u li fil-passat kien hemm problema fejn service providers kienu mdorrijin ma jibagħtux invoices fil-ħin, b'konsegwenza li jgħaddi żmien twil qabel ma jiġu pproċessati u mħallsa. Ġie kkonfermat li wieħed mill-invoices, li ġie rivedut illum, huwa relatat ma' xogħol ta' irrigation u ġie verifikat, filwaqt li l-invoice l-ieħor għandu jintbagħat lir-Reġjun tal-Lvant peress li jirrigwarda xogħol meta kienu ġew ingaġġati biex jitbattlu shelters għall-attività "Milied Maġiku".

**43/04 Tweġibiet għall-Mistqosijiet tal-Kunsilliera**

**43/04/01** Il-Viċi Sindku, is-Sa Frangeska Attard, qajmet punt dwar sitwazzjoni perikoluża fit-triq Ghaxqet il-Ghajn quddiem il-gabbana, fejn id-dawra qed toħloq riskju kemm għal vetturi li ġejjin minn naħa ta' Birguma kif ukoll għal dawk li ġejjin minn Għargħur lejn Birguma. Hija pproponiet li jew titpoġġa mera faċċata tal-gabbana sabiex ikun hemm viżibilità aħjar ta' min tiela' u min nieżel, jew inkella jiġi eżaminat jekk jistax jiġi rranġat il-kantunier u mwessa' d-dawra. Is-Sur Christopher Fenech qabel li s-sitwazzjoni hija perikoluża, filwaqt li esprima dubju dwar kemm mera tkun effettiva, peress li s-sewwieqa ġeneralment jiffokaw fuq vetturi li ġejjin minn naħa tal-Magħtab. Ġie ssuġġerit ukoll li tista' tinġibed linja mal-art biex tindika aħjar il-karreġġjata. Is-Sa Frangeska Attard żiedet li xi drabi vetturi kbar ikollhom iduru min-naħa żbaljata biex ikunu jistgħu jduru, u għalhekk hemm bżonn li t-traffiku jiġi kkontrollat aħjar miż-żewġ naħat. Ġie nnutat ukoll li matul din il-ġimgħa ntalbu darbtejn speed guns mill-Pulizija għal din iż-żona minħabba veloċità eċċessiva miż-żewġ direzzjonijiet, u dan il-punt ġie indirizzat. Wara diskussjoni, ġie deċiż li jsir appuntament ma' Transport Malta sabiex tingħata soluzzjoni xierqa.

**43/04/02** Il-Kunsilliera, is-Sa Francesca Fenech, issuġġeriet li l-biċċa ta' Triq Mons. Luigi Catania fejn jinsab il-Mużew tas-Subien tinbidel isimha għal "Triq Guido Tanti", peress li tqis li dan huwa denju; is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, staqsiet dwar il-proċedura meħtieġa għal tali tibdil u l-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, wieġeb li jeżisti kumitat relevanti li quddiemu trid titressaq talba mill-Kunsill biex jiġi evalwat jekk dan jistax isir; kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsillier s-sur Fenech esprimew l-appoġġ tagħhom għall-idea, filwaqt li s-Sur Christopher Fenech irrimarka li dan jista' joħloq inkonvenjent għar-residenti minħabba l-ħtieġa li jinbidlu dokumenti legali u jiġu nnotifikati entitajiet bħall-banek; kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jivverifika l-proċeduri u jerġa' jressaq dan il-punt fil-laqgħa li jmiss.

**43/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' Xogħol**

**43/05/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li sar rapport dwar allegat rimi illegali fil-koordinati X:451348, Y:3975027; ġie rrappurtat li l-OHSA żaret is-sit u ma sabet l-ebda irregolarità, filwaqt li ddikjarat li s-sejbiet jindikaw ħażna ta' ġebel tal-franka użat, u li wkoll saret żjara mill-Awtorità tal-Ippjanar fejn ġiet ivverifikata s-sitwazzjoni u nstab li ċangaturi tal-ġebel tqiegħdu fil-għalqa bħala preparazzjoni għal xogħlijiet approvati taħt il-permess PA4073/24, bil-fatt li ġie sottomess avviż ta' bidu tax-xogħol u s-sit se jibqa' jiġi mmonitorjat matul l-iżvilupp; fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, l-investigazzjonijiet relatati mal-ilment qed jitqiesu bħala konklużi.

**43/06 Ilmenti**

**43/06/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li fl-14.04.2026 il-Kunsill irċieva komunikazzjoni permezz ta' Messenger mingħand resident dwar problema relatata mal-isem tat-triq fejn jgħix, li qed toħloq konfużjoni kemm għar-residenti kif ukoll għal persuni u servizzi esterni, peress li t-triq qed tiġi indikata b'mod żbaljat bħala "Triq il-Kbira" (sinjal imwaħħal f'kantuniera ma' Berta)

meta fil-fatt l-isem korrett tagħha huwa "Triq il-Wiesgħa"; is-Sa Francesca Fenech irrimarkat li fuq Google Maps tidher bħala "Triq il-Wiesgħa", u kien hemm qbil li jsir arranġament tat-tabella, iżda qabel il-Kunsill għandu jivverifika mal-Uffiċċju tar-Reġistru Elettorali.

**43/06/02** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li resident irrapporta li ntefa' qatran mal-pilastru tad-dar tiegħu bħala konsegwenza tax-xogħlijiet fit-triq li saru dan l-aħħar u talab sabiex dan jitneħħa, kif ukoll talab li jiġi installat speed bump, partikolarment qrib ir-residenza tiegħu, f'isem ukoll ir-residenti ta' numru 24, Triq il-Kbira, minħabba li s-sewwieqa qed isuqu b'veloċità eċċessiva f'din it-triq dejqa li qed toħloq periklu serju għas-sigurtà, tant li r-resident, li għandu aktar minn sebgħin sena, kien kważi milqut minn vettura mal-għatba ta' daru wara li tlestew ix-xogħlijiet; ġie infurmat li l-każ intbagħat lil Infrastructure Malta sabiex tintalab l-assistenza tagħhom u li l-qatran tneħħa, u kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex jiġu evalwati u ppreżentati miżuri adegwati ta' sigurtà fit-toroq.

**43/06/03** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li saret talba għal installazzjoni ta' dog bin fi Sqaq iċ-Ċint, peress li n-nies draw jinżlu f'dik iż-żona u n-nuqqas ta' bin qed iwassal għal ħmieġ u nuqqas ta' ndafa; is-Sur Christopher Fenech esprima li jaqbel mal-installazzjoni tal-bin iżda enfasizza li dan irid jitnaddaf b'mod regolari, u ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt li l-bin fi sqaq fejn Radio Master Transmitter mhux qed jitnaddaf kif suppost u jinsab moħbi wara siġra; il-Kunsill ħa nota u qabel li jevalwa s-sitwazzjoni sabiex jittieħdu l-miżuri neċessarji.

**43/06/04** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li rċeviet talba mingħand residenti ta' Triq l-Indipendenza sabiex isir intervent fuq is-sleeping policeman li hemm fit-triq, peress li biż-żmien iddeterjora u m'għadux effettiv, tant li vetturi jistgħu jgħaddu minnu mingħajr ma jnaqqsu l-veloċità; is-Sindku esprimiet li taqbel li jsir dan l-intervent.

**43/06/05** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li saret talba għal installazzjoni ta' sleeping police fi Triq it-Torri ma' dawra; kien hemm qbil li din it-talba titressaq lil Transport Malta sabiex tiġi evalwata u jiġi determinat x'jista' jsir.

**43/06/06** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li tressqet talba oħra għal sleeping policeman fi Triq Santa Katerina permezz tas-Sur Christopher Fenech, fejn ġie spjegat li hemm għalqa u l-ħruġ minnha huwa ta' periklu minħabba li jinsab f'blind corner; is-Sur Christopher Fenech indika fuq ritratt il-post propost fejn għandu jsir l-intervent u ssuġġerixxa li, jekk meħtieġ, issir site visit; kien hemm qbil li din it-talba wkoll titressaq lil Transport Malta sabiex tiġi evalwata.

**43/06/07** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li saret talba għal road safety measures fi Triq il-Ġnien, peress li vetturi qed jipparkjaw u qed jikkawżaw ostaklu fit-triq; kien hemm qbil li din it-talba titressaq lil Transport Malta sabiex jiġu evalwati l-miżuri xierqa.

**43/07 Ordnijiet ta' Xogħol**

**43/07/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 14 ta' April 2026 il-Kunsill issottometta l-iskemi li ġejjin: SPI.SCI.01.2026 – Finanzjament "Attivitajiet Kulturali Annwali 2026" (data tal-għeluq it-Tlieta, 14 ta' April 2026) u SPI.SCI.02.2026 – Finanzjament "Lokalitajiet Aktar Nodfa 2026" (data tal-għeluq il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026).

**43/08 Skemi ġodda**

**43/08/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill dwar l-iskema "Local Councils Scheme for Open Spaces & Community (Dog Parks and Cat Cafés)" u qalet li bħalissa l-lokalità m'għandhiex spazju adegwat sabiex tapplika għal din l-iskema, u għalhekk il-Kunsill mhux se japplika; madankollu enfasizzat li dan ma jfissirx li l-Kunsill mhux interessat f'proġetti ta' dog parks, u li diġà ġie riċevut katalgu b'apparat relatat sabiex jiġi evalwat l-ispiża, bil-possibbiltà li fil-futur jinħoloq spazju żgħir bħala mini dog park jekk jinstab post adatt; is-Sur Christopher Fenech żied li fil-passat kien diġà tressaq suġġeriment simili iżda l-post identifikat kien żgħir wisq.

**43/08/02** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill dwar l-iskema "Tfulija – Promoting Children's Involvement in Local Councils" (li tagħlaq fl-aħħar ta' Ġunju, għalkemm jista' jkun hemm estensjoni), u spjegat li mill-perspettiva tal-Kunsill qed tingħata prijorità lill-Junior Council u lill-involviment tat-tfal fejn possibbli; kien hemm qbil fost il-membri li jiġi mħeġġeġ l-involviment tat-tfal f'inizjattivi relatati, u l-membri tal-Kunsill raw ukoll il-katalgu u n-noti marbuta ma' din l-iskema, li kienu wkoll ġew ċirkolati permezz ta' WhatsApp.

**43/08/03** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li ġiet issottomessa talba għal student/a wieħed/waħda taħt l-ICT Summer Student Working Scheme, fejn ir-reġistrazzjoni kienet miftuħa sat-23 ta' Marzu 2026.

**43/08/04** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill dwar kwotazzjoni għall-bdil tal-module tal-internet sabiex ikun possibbli aċċess għal remote viewing fuq mobile phone mis-sistema tas-sigurtà CC Security System, fl-ammont ta' €666.70; din il-kwotazzjoni ġiet ippreżentata lill-membri tal-Kunsill u kien hemm qbil sabiex tiġi aċċettata.

**43/08/05** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li nħarġet sejħa għal kwotazzjonijiet għas-servizz ta' tuff trays u crafts animal relatata mal-okkażjoni tat-Tberik tal-Annimali li se ssir il-Ħadd 3 ta' Mejju, u li ġew ippreżentati tliet kwotazzjonijiet lill-membri tal-Kunsill; peress li ma kienx hemm biżżejjed żmien sabiex titlaqqa' laqgħa tal-Kunsill, ġiet segwita l-proċedura li tintgħażel l-orħos kwotazzjoni, li kienet ta' Claude Abela fl-ammont ta' €304.90, filwaqt li ġie spjegat li l-ispejjeż relatati mal-attività se jkunu koperti permezz ta' sponsors sabiex il-Kunsill ma jġorrx spejjeż, u li se jiġi ppreżentat rendikont tal-ispejjeż u tal-isponsors fil-laqgħa li jmiss.

**43/08/06** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li nħarġet sejħa għal kwotazzjonijiet għall-provvista ta' solar garden lights (25.04.2026) b'rabta mal-iskema ta' manutenzjoni tal-ġonna tal-Ponta, u li ntalbu tliet kwotazzjonijiet fejn ġew riċevuti offerti minn ESS fl-ammont ta' €4,720 u Electra fl-ammont ta' €6,678.80, filwaqt li sat-data indikata ma ġietx riċevuta t-tielet kwotazzjoni; il-membri tal-Kunsill ġew ippreżentati b'dawn il-kwotazzjonijiet u ġie nnutat li dik ta' ESS kienet l-orħos, b'is-Sa Francesca Fenech tistaqsi jekk il-prezz jinkludix l-installazzjoni u ġiet ikkonfermata li iva, u hija żiedet li dan l-infiq jiġi kopert mill-iskema, filwaqt li s-Sindku spjegat li minħabba żieda fil-prezzijiet meta mqabbel mas-sena ta' qabel kellha titnaqqas il-kwantità sabiex il-Kunsill jibqa' fil-limiti tal-baġit.

**43/08/07** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-membri tal-Kunsill li fir-rigward tal-open library fil-Ponta, kemm il-cigarette bins li diġà waslu kif ukoll is-solar lights mhux se jiġu installati qabel ma jitlestew il-cameras tas-sigurtà, u żiedet li t-toqob għall-arbli tal-cameras diġà saru, filwaqt li spjegat li issa se jiġu installati cameras fiż-żewġ ponot tal-lokalità; is-Sur Christopher Fenech staqsa jekk dawn humiex il-cameras tal-ġnien tal-Ponta, u s-Sindku kkonfermat li iva, filwaqt li s-Sur Fenech irrimarka li kien hemm cameras hemmhekk diġà, u s-Sindku spjegat li dawk ma kinux qed jaħdmu.

**43/08/08** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, informat lill-Kunsill li l-kuntrattur preċedenti responsabbli mill-fanali tat-toroq (li kien ġie estiż) ma riedx ikompli jagħmel il-fanali dekorattivi, u għalhekk ġie

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

mitlub jippreżenta dikjarazzjoni bil-miktub li kkonferma dan; hija fakkret ukoll li lejn l-aħħar tas-sena jkun hemm bżonn jinħareġ tender ġdid, u spjegat li fil-passat kien hemm persuna li kienet twettaq dan ix-xogħol mingħajr arranġament regolat minħabba sitwazzjonijiet ta' procurement li kienu jeżistu dak iż-żmien, iżda issa kien meħtieġ li jinħareġ call for quote, u għalhekk inħarġet sejħa
"Call for Quote for the Provision of Electrical Maintenance Services related to Street Lighting", fejn ġew riċevuti kwotazzjonijiet u l-orħos offerta kienet ta' 360, segwita minn Yes Services, filwaqt li Mario Abela ma ppreżentax offerta; il-membri tal-Kunsill ġew ippreżentati b'dawn il-kwotazzjonijiet u kien hemm qbil sabiex tingħata lill-orħos offerent. is-Sa Francesca Fenech staqsiet dwar it-tul tal-kuntratt u s-Sindku wieġbet li dan ikun validu għal sena mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt.

**43/04 Vakanza – part-time Clerk**

**43/04/01** Is-Sa Meli spjegat li fir-rigward tal-pożizzjoni ta' impjegat tal-uffiċċju part-time kien inħatar bord ta' għażla magħmul minnha, mill-Viċi Sindku is-Sa Francesca Attard, u mill-Kunsilliera is-Sa Helen Gauci. Hija spjegat li l-bord għażel kandidat u li l-membri tal-Kunsill għandhom quddiemhom il-marki relatati mal-proċess ta' għażla sabiex, jekk jaqblu, tkun tista' tkompli l-proċedura. Is-Sa Meli żiedet li hi u l-Viċi Sindku kienu diġà raw il-marki peress li kienu membri tal-bord, u li l-kandidat magħżul kiseb bejn 47 u 47.5 punti. Peress li ma tqajmu l-ebda oġġezzjonijiet, din id-deċiżjoni ġiet approvata unanimament mill-membri kollha preżenti.

**43/05 Kuntratti, Tender u MOUs**

**43/05/01** Fir-rigward tat-tenders tal-bulk refuse (GLC02/2025), is-Sa Meli spjegat li sar kuntatt ma' Dunken u ġie rrakkomandat li issa jinfetaħ il-proċess ta' evalwazzjoni u li jitlaqqa' l-bord fil-ġimgħa li ġejja. Hija żiedet li l-Kunsill kien qed jistenna risposta dwar tender minn kunsilli oħra, iżda peress li ma sar l-ebda progress, hemm bżonn li l-evalwazzjoni tkompli mingħajr aktar dewmien. Is-Sa Meli infurmat li hemm kumitat tat-tenders magħmul mill-Viċi Sindku is-Sa Francesca Attard, mill-Kunsillieri s-Sur Christopher Fenech u s-Sa Helen Gauci, u minnha bħala Chairperson. Hija kkonkludiet li se tinstab data xierqa u tiġi kkomunikata permezz tal-WhatsApp chat tal-membri.

**43/05/02** Fir-rigward tat-tender tal-Contracts Manager GLC/02/2026, is-Sa Meli spjegat li dan issa għalaq u li hemm bżonn li jinfetaħ il-proċess ta' evalwazzjoni. Il-Viċi Sindku is-Sa Francesca Attard issuġġeriet li jinħatar bord ġdid għal dan il-għan. Madankollu, is-Sa Meli wieġbet li dan mhux meħtieġ peress li kien diġà ġie maqbul li l-bord eżistenti jibqa' jservi għal perjodu ta' sitt xhur. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-laqgħat tal-bord jiġu kkombinati sabiex jiġu diskussi ż-żewġ tenders u jingħalqu flimkien.

**43/05/03** Fir-rigward tat-tender għax-xiri ta' vann (GLC/01/2026), is-Sa Meli spjegat li dan issa huwa lest u li l-kuntratt ġie ffirmat u l-vann ġie ordnat. Hija żiedet li l-vann mistenni jasal matul is-sajf u li dan ser ikun assi ġdid għall-Kunsill. Il-Viċi Sindku is-Sa Francesca Attard issuġġeriet li issa jista' jiġi kkunsidrat l-installazzjoni ta' charger relatat ma' dan il-vann, u s-Sa Meli qablet ma' dan is-suġġeriment.

**43/05/04** Fir-rigward tat-tender għall-proġett ta' pavimentar fi Triq Għaxeq il-Għajn (GLC/03/2025), is-Sa Meli spjegat li dan jammonta għal kważi €300,000 u li l-kuntratt ġie ffirmat. Hija żiedet li l-proġett ser jinkludi r-resurfacing tal-pavimentar u xogħlijiet relatati oħra, kollha b'materjal approvat mill-ERA, inkluż dak għall-bankijiet u d-dawl, sabiex jiġu osservati l-miżuri ambjentali meħtieġa minħabba s-sensittività taż-żona. Is-Sa Meli kkonkludiet li b'dan il-proġett, iż-żona

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

magħrufa bħala "Top of the World" ser tingħata dak li ilhom jitolbu bosta residenti u li tassew jixirqilha.

**43/06 Attivitajiet**

**43/06/01** Fir-rigward tal-attività tat-tberik tal-annimali, is-Sa Meli infurmat li din ser issir nhar it-3 ta' Mejju. Hija spjegat li hemm lista ta' sponsors u li ser ikun hemm tuff trays kif ukoll il-parroċċa involuta fl-attività. Żiedet li, minkejja li ma rnexxilhomx jiksbu l-parteċipazzjoni tal-Kavallerija, ser tiġi organizzata kids zone bit-tuff trays.

**43/06/02** Is-Sur Christopher Fenech staqsa jekk l-iScouts hux ser jattendu, u s-Sa Meli kkonfermat li dawn ser ikunu preżenti. Hija żiedet ukoll li Transport Malta ser tkun preżenti sabiex tippromwovi outreach dwar is-sigurtà fit-toroq.

**43/06/03** Is-Sur Fenech staqsa wkoll jekk kienx hemm min ser jgħin fil-promozzjoni biex jattendu żwiemel, u s-Sa Meli wieġbet li saru posts fuq Facebook u sar kuntatt ma' persuni magħrufa li għandhom żwiemel. Hija żiedet li ser ikun hemm ukoll kids bake sale b'donazzjoni għal Noah's Ark.

**43/06/04** Ir-rendikont tal-attività ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

**43/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

**43/07/01** B'referenza għall-iskeda ta' ħlasijiet, is-Sa Meli infurmat kif il-Kumitat tal-Finanzi kien żamm laqgħa sabiex jiddiskuti l-iskeda ta' pagamenti li qed jiġu ppreżentati f'din il-laqgħa. Għal din ir-raġuni, hija ppreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti u/jew imħallsa, li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta ġiet ippubblikata l-Aġenda. Flimkien mal-iskeda ta' ħlasijiet, ġie ppreżentat ukoll il-Petty Cash.

**43/07/02** Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li wara l-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret fillgħodu, ġiet miżjuda kont oħra mal-iskeda ta' pagamenti tal-Arms peress li din kellha titħallas sat-3 ta' Mejju.

**43/07/03** Is-Sa Meli żiedet li fl-iskeda ta' pagamenti kien hemm inkluża wkoll lista ta' kredituri sabiex ikun jista' jibda jsir il-ħlas dovut lilhom.

**43/07/04** Il-Viċi Sindku is-Sa Francesca Attard staqsiet dwar ir-rifużjoni ta' kontijiet tal-ARMS relatati mal-batterija tas-search light. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kienet diġà ntbagħtet email f'dan ir-rigward sabiex tintalab ir-rifużjoni u li dan ser jiġi mgħoddi wkoll lid-Deputy Segretarju Eżekuttiv biex jiġi assigurat li l-ħlas ikun effettwat.

**43/07/05** Il-mozzjoni ġiet approvata fuq proposta tas-Sa Francesca Attard u sekondata mis-Sur Christopher Fenech.

**43/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**43/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-19:00hrs wara li l-items fuq l-Aġenda ġew eżawriti.

**43/08/02** Fir-rigward tal-laqgħat futuri tal-Kunsill, is-Sa Meli spjegat li kienet għamlet eċċezzjoni sabiex tilqa' t-talba ta' Kunsilliera li tista' tattendi biss nhar ta' Tlieta. Hija żiedet li, minkejja li kulħadd għandu impenji familjari, inkluż hi stess, kienet aċċettat dan l-arranġament peress li l-laqgħa ssir

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


darba fix-xahar. Madankollu, is-Sa Meli rrimarkat li ma jkunx xieraq li jsiru tali akkomodazzjonijiet jekk il-Kunsilliera kkonċernata ma tattendix il-laqgħat jew ma tibgħatx apoloġija.

**43/08/03** Għaldaqstant, hija esprimiet il-fehma li l-għażla tal-ġurnata ma tidhirx li qed tagħmel differenza fid-dawl tas-sitwazzjoni preżenti. u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju, 2026, fil-5:30p.m.

**43/08/04** Ġie maqbul li l-laqgħa mar-residenti ser issir nhar is-Sibt 16, fid-9:00 a.m.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Shirley Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**